**17 ta' Ottubru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Carmela mart Grezzju Vella, et

*versus*

Giorgio Zahra

**Donazzjoni — Vendita — Vitalizju — Alea — Kapaċità — Mara.**

*Biex kuntratt jiġi ritenut li huwa donazzjoni jeħtieġ li jkun hemm attwalment l-"animus donandi".*

*F'każ ta' vitalizju ma tonqosx l-alea sempliċement għax il-kuntratt jirriżulta vantaġġjuż għall-akkwirent. Il-materja ta' impunjazzjoni l-parti li trid tinvalida att trid iġġib provi ferm konvinċenti biex tirnexxi fl-iskop tagħha, u r-rigur ta' dina l-prova jiżdied meta tali invalidità tkun bażata fuq l-inkapa-*

*ċità tal-mara biex tagħmel donazzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi Alfonsa armla Schembri, li tagħha u ta' żewġha huma aventi kawża, b'kuntratt tat-tletin (30) ta' Ottubru, 1959, fl-atti tan-Nutar Joseph Agius ittrasferiet lill-konvenut id-dar mija u sittax (116), Victory Street, Qormi, skond il-kuntratt anness mal-att taċ-ċitazzjoni, u versu l-korrispettiv indikat fl-istess att u illi f'dan il-kuntratt hemm simulata donazzjoni ħaġa li l-imsemmija Alfonsa Schembri ta' fuq is-sebgħin sena u armla ma setgħetx tagħmel, talbu li — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvediment opportuni — jiġi dikjarat deċiż illi l-kuntratt fuq imsemmi huma donazzjoni simulata u għalhekk, minħabba l-inkapaċità tad-donanti, jiġi dikjarat null għall-ammont eċċedenti l-ħamsin lira (£50) bl-ispejjes b'dawk tal-ittra uffiċjali tat-tnejn (2) ta' Lulju, 1960.

*Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda preżentata* minn l-atturi u d-dokumenti esibiti maċ-ċitazzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li t-talba ta' tal-atturi hija nfonda fil-fatt u fid-dritt billi l-prezz stipulat ġie derolarment imħallas u għalhekk it-talba tagħhom għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti l-oħra tal-proċess, komprizi d-dokumenti esibiti matul il-kawża;

Semgħet ix-xhieda prodotti u t-trattazzjoni orali;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-azzjoni preżenti hija diretta biex l-att imsemmi fiċ-ċitazzjoni stipulat bejn il-konvenut u l-mejta Alfonsa armla ta' Carmelo Schembri, li jsemmi trasferiment tal-fond hemm indikat u titolu onerus, jiġi dikjarat simulat u fil-fatt hu wieħed ta' donazzjoni, u konsegwentement l-istess att jiġi dikjarat *null għall*-ammont *eċċedenti l-ħamsin lira* (*£50*), billi d-donanti kienet mara fuq is-sebgħin sena u armla, u bħala tali, ma setgħetx tagħtx donazzjoni in eċċess tal-ammont imsemmi. Hu evidenti li l-istanza hija bażata fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1838 tal-Kodiċi Ċivili fl-inċiżi (2) u (f) moqrija *flimkien mal-aħħar paragrafu* tal-istess artikolu, billi, jista' jiżdied, l-istess Alfonsa Schembri ma tirriżultax li kellha l-awtorizzazzjoni rikjesta mil-liġi biex tissuplixxi għall-inkapaċità legali tagħha, hu evidenti wkoll li l-kawżali ta' l-istanza hija s-simulazzjoni relativa ta' l-att u mhux dik assoluta billi t-teżi attriċi hi mhux li l-kontraenti ma riedu jagħmlu ebda ftehim *meta ffirmaw l-att impunjat iżda riedu biss jagħmlu* donazzjoni.

Illi proprjament jista' wieħed jitkellem fuq simulazzjoni meta l-partijiet kontraenti jkunu jridu jissimulaw fis-sens li juru ħaġa b'oħra, fil-każ preżenti juru att onerus flok donazzjoni strettament għalhekk wieħed ikun irid jipprova anke l-"animus donandi" f'min suppost qed jiddona; dan l-element ta' liberalità però għandu jiġi ritenut li jirriżulta meta jew ma' jeżistix il-korrispettiv li jingħad fl-atti li qed jingħata jew ikun hemm sproporzjon bejn dak li jingħata u dak li qed jiġi riċevut. Fil-każ *preżenti l-atturi qegħdin igħidu fiċ-ċitazzjoni* li l-korrispettiv ma jeżistix tant li qegħdin jitolbu li l-att jiġi annullat għall-eċċedenza fuq l-ħamsin lira (£50), limiti permess mil-liġi għad-donazzjoni li setgħet tagħmel Alfonsa armla Schembri; dan hu konfermat fl-aħħar paragrafu taddikjarazzjoni tal-fatti akkompanjanti ċ-ċitazzjoni billi, meta tissemma d-diskrepanza bejn il-valur tal-fond u l-korrispettiv, dan jingħad bħala ipotesi (i.e. kieku l-korrispettiv kien veru),

u kwindi skond it-teżi attriċi, dana l-korrispettiv verament ma eżistix, biex ikomplu jeskluduh l-atturi żiedu jgħidu (ibidem) li ma kienx hemm alea.

Illi minn eżami tal-provi prodotti ma jistax jingħad li l-"animus donandi", jirriżulta f'Alfonsa Schembri, u l-anqas ma jista' jingħad li l-konvenut kellu l-idea li jieħu iżjed milli qed jagħti; l-iżjed li wieħed jista' jikkonċedi hu fis-sens li Alfonsa Schembri setgħet timmaġina li seta' fil-fatt tirriżulta xi donazzjoni, skond kif jiżvolġu ruħhom iċ-ċirkostanzi u mhux għax neċessarjament dan kellu jiġri, u kwindi riedet li l-ftehim isir mhux mal-konvenut biss iżda ma kull ħadd li jiġi minnha. Dan qed jingħad għax irriżulta li għalkemm Alfonsa Schembri, fl-ewwel okkażjoni ma rieditx tiffirma l-att wara li assistiet għalbiex tinkiteb il-minuta relativa, u dana prinċipalment għaliex ma rieditx li titlef id-disponibilità tal-fond minnha okkupat, allavolja l-konvenut assikuraha li ma jonqosha xejn, hija spiċċat biex iffirmatu t-tieni darba u meta l-attur Spiro Zahra staqsieha għaliex kienet aċċettat qaltlu li mbagħad ikellimhom il-konvenut; dan juri infatti li l-istess Schembri kienet taf x'qegħda tagħmel. U rriżulta li hija se mai fiżikament kienet ftit batuta għax kienet kisret sieqha, però kienet ukoll qamet u timxi xi ftit, (ċioè kien hemm ċertu progress fil-fejqan), u li kienet pre-okkupata aktar b'dak li kienet sejra tieħu mill-att, fis-sens li taċċerta ruħha li ma jkun jonqosha xejn u li ma tkunx kostretta tmur f'xi istitut għax-xjuħ, milli lejn dak li kienet qiegħda tagħti, dan hu iżjed konċiljabbli ma' att onerus milli ma donazzjoni, għalkemm, kif intqal il-possibilità li l-fatti, allura mhux magħrufa, jagħtu vantaġġ lill-konvenut nonostante dak li assuma lejha, setgħet ukoll għaddiet minn ras l-istess Schembri, kwantu għall-konvenut stess, ma jirriżultax li ried javvantaġġa ruħu indebitament bħal konsegwenza ta' l-att li sar billi hu kien dispost li Schembri tagħmel mal-oħrajn dak li kien inkiteb li ser isir miegħu u kien anke dispost li f'dan il-każ hu ma jieħu xejn ta' dak li sadakinhar

kien għamel ma' dina Schembri, li hija oħtu.

Illi in vista tal-premessa konsiderazzjoni, hu l-każ li tiġi eżaminata l-kwistjoni tad-diskrepanza bejn dak li l-istess Schembri ttrasferiet a paragun ta' dak li kellha tirċievi skond l-att. Dan naturalment jista' u qiegħed isir għaliex il-Qorti ma ssibx raġuni biex takkolji t-teżi attriċi fis-sens li l-att impunjat hu donazzjoni fl-interezza tiegħu b'mod li jkun kieku validu għall-ħamsin lira (£50) biss; infatti rriżulta, kontrarjament għal dina t-teżi, li l-konvenut kien jagħti flus lil oħtu minn qabel ma sar l-att, sija għaliha stess u biex ħallas il-funeral tar-raġel tagħha, u baqa' hekk jagħtiha sakemm mietet, oltre dan, skond il-ftehim reġistrat fl-atti stess, hu ħallas għall-funerali tagħha stess u għamel id-depositu li kellu jagħmel għas-suffraġju ta' ruħha (anzi f'ammont aktar minn dak indikat fl-att), u l-istess Schembri kellha seftura sakemm mietet u kienet din li kienet tkun mibgħuta minnha biex imbagħad il-konvenut jitla' u jagħtiha l-flus: dan infatti jfisser (apparti l-kwistjoni ta' ratifika ta' l-att da parti ta' Schembri u l-validità relativa in vista tal-inkapaċità tagħha riferita), li l-korrispettiv miftiehem kien hekk miftiehem realment u anke tħallas fil-fatt u kwindi għandu jittieħed in konsiderazzjoni fl-eżami li għandu isir tal-valur mogħti minn Schembri u ta' dak li rċeviet in kontrakkambju; ma jistax ikun hemm dubbju dwar dak l-eżami li ż-żmien li għandu jitqies hu dak meta sar l-att stess.

Illi kwantu għalkemm kien jiswa l-fond trasferit, l-unika ndikazzjoni tal-prezz jagħtiha l-konvenut fix-xhieda tiegħu meta qalli biegħ il-post u li l-prezz tniżżel ta' elf lira (£1,000) għalkemm realment kien ta' tmien mitt lira (£800), iż-żmien eżatt tal-bejgħ ma ġiex preċiżat għalkemm minn dak li hemm fid-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi jidher li sar matul il-ħajja ta' Alfonsa Schembri stess, jew almenu daqstant għandu jiġi desunt minn dak dikjarat. Il-konvenut ma ġiex kontradett f'dak

li qal u hu stess ma semma xejn kontra din id-dikjarazzjoni, sia pure ndiretta, ta' l-atturi;

In kwantu għall-korrispettiv dovut mill-konvenut dan hu kostitwit in parti minn prestazzjonijiet li huwa assuma lejn Schembri sakemm tmut, b'mod li neċessarjament jidħol ċertu element ta' alea fir-rigward tagħhom (u ċioè vitalizju ta' sitt liri (£6) fix-xahar, u serviġi personali billi jimpjegalha seftura), u in parti minn ammonti oħrajn li għalkemm mhux kollha eżattament determinati ma joffrux diffikultà għad-determinazzjoni relativa, dawn ta' l-aħħar flimkien jistgħu jitqiesu li jilħqu mija u tmenin lira (i.e. £100 ġia dovuti u maħfra, £30 għall-funerali skond id-dikjarazzjoni għall-fini tal-liġi dwar il-boll, u £50 biex jiġu depositati fil-Cassa delle Pie Amministrazzjoni; fil-fatt il-funerali qamu £24. 18s — flok £30 mentri l-d-depositu sar ta' £100 flok ta' £50). Kwantu għas-serviġi promessi fis-sena ta' impieg ta' seftura, dawn ġew għall-fini tal-liġi tal-boll dikjarati jiswew nofs lira (10s) fil-ġimgħa però hu evidenti li l-obbligi relativi seta' jinvolvi spiża akbar minn daqshekk speċjalment jekk saħħiet Schembri tkun hekk teżiġi, billi l-obbligu assunt hu dak tas-serviġi personali li jkunu neċessarji li però għal raġunijiet ovvji, il-konvenut ma kellux jippresta personalment. Għandu wkoll jitqies bħala parti mill-korrispettiv l-użu li Schembri rriservat tal-fond għaliha stess, sa mewtha, billi l-valur relativ irid jonqos ukoll mill-valur jew prezz tal-post stess.

Illi ebda prova ma nġiebet mill-atturi li direttament u awtorevolment turi l-istat tas-saħħa ta' Alfonsa Schembri, al-lavolja fost ix-xhieda dikjarati hemm l-isem ta' tabib; għal-kemm jirriżulta li din kienet kisret sieqha u kienet fuq hekk marret l-Isptar, hija kienet marret lura d-dar u kienet tqum mis-sodda u anke tagħmel xi faċendi jew issajjar, hija ma kienitx allura toħroġ mid-dar anke mħabba l-età avanzata, iżda kienet tgħid li għadha tiflaħ anke fiżikament mentri li moħħha

kien ċar tant li anke kien hemm minn imur għal xi parir għandha. *Dan ifisser li fil-mument li sar l-att li, jiġi ripetut, hu dak* determinanti, ma jirriżultax li l-istat ta' Schembri kien tali li jindika li hija sejra tmut malajr, kif imbagħad ġara, u anki l-progress li kienet għamlet aktarx kien jindika li hija tiġi relattivament għall-aħjar bil-possibilità li ttawwal sew bil-konsegwenti awment progressiv tal-bżonn ta' għajnuna minn nies li għaliha kien responsabbli l-konvenut biex jipprovdihielha.

*Illi in vista* tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti ma tħossx li l-atturi rnexxielhom jippruvaw kif hu mistenni minnhom, li kien hemm sproporzjon bejn dak li tat u rċeviet Alfonsa Schembri għalkemm, konsiderat dak li ġara wara, dan aktarx li kien hekk bħala fatt; iżda l-veru kwistjoni mhux hawn billi fejn hemm l-alea, u din ma tistax tiġi eskluża fiċ-ċirkostanzi hu dejjem possibbli li jiġri hekk. Il-prova jekk kienx hemm l-alea hi jekk setax jiġri l-kuntrarju, u dan, fiċ-ċirkostanzi reżultati, ma jistax jiġi eskluż. Fil-kumment ta' l-att ma jirriżultax x'kien preċiż il-prezz tal-fond trasferit però, fid-dawl tal-provi li nġiebu, dan seta' jiswa viċin it-tmien mitt lira (£800) billi hekk irċieva l-konvenut għaliex wara ftit żmien għalkemm seta' ta l-każ li minn akkwistah minn għandu kien kostrett minn ċirkostanzi personali li jħallas daqshekk, anke deterjorament fil-kondizzjoni ta' Schembri, seta' jikkontribwixxi għall-istess prezz billi jonqos il-valur tal-użu tal-fond li hija kienet irriservat għaliha. Issa kontra dana l-prezz hemm *l-ammonti preċiżi li tnaqqsu jew għax dovuti jew għax* kellhom jitħallsu, kif ħallashom in segwitu, il-konvenut li flimkien jilħqu viċin il-mitejn lira (£200) ; hemm ukoll, imbagħad, il-vitalizju u l-prestazzjoni personali miftiehma li tagħhom ma jistax jingħata valur eżatt, liema valur però, peress li qegħdin in tema ta' donazzjoni (skond it-teżi attriċi), li tirriżulta onerusa (kif ġa ntqal) irid jiżdied bin-nofs skond l-artikolu 1833 u 1934 tal-Kodiċi Ċivili biex wieħed jara jekk kienx hemm donazzjoni; ir-regoli ta' din il-figura ta' kuntratt

infatti japplikaw biss kieku jirriżulta eċċess a bażi ta' dawn il-kalkoli u għal dan l-eċċess biss. Huwa meta jittieħdu dawna l-konsiderazzjonijiet kollha flimkien u in vista tagħhom li ġie dikjarat li l-atturi ma pprovawx li kien hemm eċċess, meta dan l-att impunjat, li, kieku riżultat, kien jikkostitwixxi donazzjoni u jirrendi mpunjabbli l-istess att dwar din l-eċċedenza.

Illi mhux inutili jiġi osservat li in materija ta' impunizzjoni l-parti li trid tinvalida att trid iġġib provi ferm konvinċenti *billi huwa fl-interess pubbliku l l-kontrattazzjonijiet li* jsiru jseħħu milli jiġu annullati jew modifikati; fil-każ preżenti jista' jiżdied li r-raġuni a bażi tal-azzjoni hija l-inkapaċità tal-mara bla raġel, li, skond l-annotazzjoni ta' Sir Adrian Dingli, għall-art. 1503. 5' Ord. VII 1868), (illum Art. 1838 (e) ġà ċitat tal-Kodiċi Ċivili) ma teżistix f'kodiċijiet oħrajn, u dan ma jwassalx biex ir-rigur tal-prova mistennija f'dawn il-każi jonqos iżda se mai biex jiġi applikat hu stess iżjed rigorosament.

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi — bl-spejjeż kontra l-atturi.